Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/953

25.3.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/953**

**tal-25 ta' Marzu 2024**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 ([1]).

(2) Fid-dawl tat-theddida kontinwa mill-ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u minn persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom, jenħtieġ li tinżdied persuna waħda u grupp wieħed mal-lista ta' persuni, gruppi, impriżi u entitajiet stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693.

(3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2024.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. MARON

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK (ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25).

*ANNESS*

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata li ġejja tinżdied taħt l-intestatura "A. Persuni msemmija fl-Artikoli 2 u 3":

"18. Mohamed Ibrahim al-Shafi'i AL-SALEM (magħruf ukoll bħala Aba Al-Sahraoui, Aba al-Sahrawi, Abba al-Saharawi); sess: raġel.";

(2) l-entrata li ġejja tinżdied taħt l-intestatura "B. Gruppi, impriżi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 3":

"6. Katiba Macina (magħruf ukoll bħala Macina Liberation Front, Katiba Macina of Jama'a Nusrat ul-Islam wa al-Muslimin, FLM, MLF, MLM, Massina Liberation Front, Katiba Massina, Massina Brigade, Macina Brigade, Ansar Dine Macina, Harakat Ansar al-Din Macina Brigade, Ansar al-Din South, Macina Battalion, Macina Liberation Movement, La Force de Libération du Macina, ML Movement, Massina Liberation Movement, Ansar al-Din Macina Brigade, Katiba Macina – Ansar Dine, Ansar al-Din Macina).".